# illum

22¢ / €0.51

www.illum.com.mt

19 ta' Awissu 2007 • Nr 42



Sfħarriġ tal-qarrejja 2007

L-aħħar ċans biex tirbaħ vjaġġ bir-ritorn għal Londra



BRITISH AIRWAYS


paġna 20

# Richard Muscat jirriżenja



Richard Muscat temm ħesrem il-missjoni diplomatika tiegħu fl-Irlanda ftit wara li reġa' kien appuntat ambaxxatur

## Studenta Irlandiża tgħid li ibnu attakkaha sesswalment

**Karl Schembri**

**L-Ambaxxatur Malti fl-Irlanda, Richard Muscat, irriżenja meta fi tmiem il-ġimgħa l-istampa Irlandiża kixfet rapporti ta' assalti sesswali mit-tifel tiegħu Massimo fuq żewġ nisa f'Dublin għaxar xhur ilu.**

Il-gazzetta *Illum* hija mgħarrfa li Muscat żamm l-allegat inċident mistur mill-awtoritajiet Maltin sa minn meta seħħ f'Ottubru li għadda. Fil-fatt, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Michael Frendo lbieraħ stqarr ma' din il-gazzetta li sar jaf bil-każ ta' iben Muscat għall-ewwel darba nhar il-Ġimgħa, proprju meta Muscat issemma għall-ewwel darba fil-gazzetti Irlandiżi.

"Richard infurmani lbieraħ (il-Ġimgħa) dwar il-każ," qal il-Ministru meta mistoqsi dwar meta sar jaf bl-arrest ta' Massimo Muscat ta' 35 sena.

Il-każ heżżeż il-ministeru ftit jiem biss wara li Frendo iddefenda lil Muscat mill-kritika ħarxa ta' l-Oppożizzjoni li ħarġet tattakka l-ħatra mill-ġdid tiegħu f'Dublin minkejja r-rapport ta' l-Awditur Ġenerali li kixef l-infieq bla rażan fil-Voice of the Mediterranean taħt it-tmexxija ta' Muscat innifsu – infieq li wassal għall-falliment ta' l-istazzjon tar-radju.

*Tkompli fuq paġna 3*

*Ara wkoll editorjal fuq paġna 15*

# 14 jinqabdu bid-droga fil-ħabs din is-sena

**Franica Pulis**



Il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin

**Din is-sena kienu arrestati 14-il persuna b'pussess tad-droga fil-post li l-inqas tistenna li jinqabdu fih: il-ħabs. L-ammont isarraf fi kważi ħamsa fil-mija tal-popolazzjoni f'Kordin.**

Aktar minn hekk matul dawn it-tmien snin, skond l-informazzjoni miġbura mill-Iskwadra kontra d-Droga, din is-sena kienet l-ogħla waħda li fiha nqabdu ħabsin bid-droga. Warajha tiġi l-2006 li fiha nqabdu 11-il ruħ.

*Tkompli fuq paġna 9*

Il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni

# Ma tafx kemm sabet każijiet ta' korruzzjoni

**Il-kummissjoni li suppost hi l-kelb tal-għassa kontra l-korruzzjoni qajla għandha snien biex taqta' u ma tafx kemm irriżultawlha każijiet ta' korruzzjoni tul id-19-il sena li ilha mwaqqfa.**



Il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni għandha biss tliet impjegati full-time biex jgħinu lit-tlett membri l-oħra li jiffurmawha.

Minkejja li investigat total ta' 375 każ tul it-terminu kollu tagħha, il-Kummissjoni ma kenitx f'pożizzjoni li twieġeb lil din il-gazzetta kemm irriżultaw każijiet ta' korruzzjoni sena b'sena għax "ma nżammitx statistika tar-riżultat ta' kull investigazzjoni li ġiet magħluqa."

*Ara l-istorja paġna 5*

*illum* Klassifikati paġni 25-27


From Lm19

Malta – London and Manchester

Fly daily, fly direct one-way excluding taxes.

Euro equivalent is 44.25€. Book at ba.com or call 21667376

oneworld

BRITISH AIRWAYS

Fare quoted is for one-way economy flight and exclude all taxes, fees and charges correct as of 31 July 2007. Total price including taxes and charges LM48 (or 111.62€) as of 31 July 2007. Limited seats available. Validity dates 28 July - 2 September 2007. Bookings are non-refundable. Changes are permitted for £30 per person per transaction or Maltese Lira equivalent. Flights are operated by independent operator GB Airways Ltd. For full terms and conditions on fights visit ba.com


NEWSPAPER POST